MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 16 – 4 Leġiżlatura**

**Il-Ħamis 23 ta' Frar 2023**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv fi 28 Ċentru Parrokkjali, Triq San Edwardu, Ħal Qormi, u b'mod virtwali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Kunsilliera Ħal Luqa | Is-Sa Lucia Massa |
| Kunsillier Ħamrun | Is-Sur Vince Bonello |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

| | |
|---|---|
| Deputat President/Sindku Gudja | Is-Sa Marija Sara Vella Gafà |
| Sindku Ħal Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |

| | |
|---|---|
| Sindku Santa Venera | Is-Sur Stephen Sultana |
| Sindku Birżebbuġa | Is-Sur Scott Camilleri |
| Sindku Marsa | Is-Sur Josef Azzopardi |
| Sindku Żejtun | Is-Sa Doris Abela |

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

| | |
|---|---|
| Sindku Marsaxlokk | Is-Sur Steven Grech |
| Sindku Marsaskala | Is-Sur Mario Calleja |
| Sindku Santa Luċija | Is-Sa Charmaine St John |
| Sindku Ħal Qormi | Is-Sur Josef Masini Vento |

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Philip Carabott | Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

Il-President is-Sur Jesmond Aquilina ippresjeda l-laqgħa.

## 16.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

16.1.1 Il-President qara l-ittri ta' apoloġija mibgħuta mis-Sindki ta' Marsaskala, Marsaxlokk, Santa Luċija u Ħal Qormi fejn taw ir-raġuni li għaliha ma setgħux jattendu.

16.1.2 Il-Membri preżenti approvaw l-apoloġiji b'mod unanimu.

## 16.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

16.2.1 Il-President ressaq il-Minuti tal-ħmistax-il (15) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġiżlatura, li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant, ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

16.2.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sa Lucia Massa u ssekondata mis-Sur Vince Bonello, il-Membri tal-Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu l-Minuti msemmija.

## 16.3 Komunikazzjoni mill-President;

**- Reġjun Kulturali 2023**

16.3.1 Il-President qal li kollox jinsab lest għat-tnedija tal-ktieb 'Il-Ġimgħa Mqaddsa – Wirt komuni li jgħaqqadna' li se ssir nhar is-Sibt fil-lokalità tal-Marsa. Din il-pubblikazzjoni ġdida tinkludi ġabra ta' informazzjoni dwar storja, drawwiet u tradizzjonijiet ta' pajjiżna b'rabta mal-Ġimgħa Mqaddsa.

**- L-ewwel edizzjoni tas-Southern Region Local Councils' race**

16.3.2 Il-President irrefera għal din l-attività u qal li fil-jiem li għaddew saret il-konferenza stampa dwar din l-attività u l-preparamenti għat-tiġrija, li se ssir nhar il-Ħadd 5 ta' Marza, jinsabu għaddejjin ġmielhom. Hu ħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali ħalli jorganizzaw trasport għar-residenti sabiex ikun hemm konkorrenza sabiħa u tinħoloq atmosfera ta' briju fil-korsa. Preżenti għal din l-attività se jkun hemm l-Onorevoli Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, kif ukoll is-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali.

**- Kuntratt tal-ġbir tal-iskart**

16.3.3 Il-President semma' kif matul din il-ġimgħa saru laqgħat li fihom ġiet imħabbra s-sistema li biha se jiġi proċessat il-ħlas għas-servizz tal-ġbir tal-iskart domestiku. Hu qal li l-Kunsill Reġjonali se jkun qed jivverifika l-kont mibgħut mill-kuntrattur billi jqabbel id-data mibgħuta mill-kuntrattur dwar it-trakkijiet li daħlu jarmu fiċ-ċentri tal-iskart u d-data mibgħuta mill-Wasteserv, filwaqt li jikkombina l-kontijiet mal-offerta tat-tender. Il-Kunsill Reġjonali se jkun qed jibgħat invoice lil kull Kunsill Lokali dwar l-ammont dovut minnu għall-ħlas tas-servizz lill-kuntrattur u se jkun qed jieħu ħsieb sabiex jinġabar il-ħlasijiet dovuti lill-Kunsilli Lokali mill-Wasteserv biex imbagħad jgħaddihom lill-Kunsilli Lokali rispettivi.

**- Skema Nsaħħu s-Settur Kulturali**

16.3.4 B'referenza għal din l-iskema, il-President ressaq talba mill-Kunsilli Lokali taż-Żejtun u ta' Ħal Għaxaq fejn talbu li l-fondi jiġu utilizzati għal għanijiet oħra minflok għal inizjattivi marbuta mal-Milied 2022. Il-Kunsill Lokali taż-Żejtun talab li jkun jista' jutilizza l-fondi għall- attività li tinvolvi kunċert marbut ma' żmien il-Ġimgħa Mqaddsa u l-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq talab li jutilizza l-fondi għall-attivitajiet marbuta mal-Karnival Għaxqi 2023. Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti.

16.3.5 Il-Membri approvaw it-talbiet tal-Kunsilli Lokali taż-Żejtun u ta' Ħal Għaxaq b'mod unanimu.

**- San Girgor**

16.3.6 Il-President qal li l-Kunsilli Lokali taż-Żejtun u ta' Marsaxlokk, flimkien mal-organizzazzjoni Intangible Cultural Heritage qed jaħdmu flimkien sabiex jerġgħu jagħtu l-ħajja lill-festa tradizzjonali ta' San Girgor u talbu l-assistenza tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar billi jorganizza trasport għar-residenti tar-reġjun għal din il-festa. Waqt iċ-ċelebrazzjoni ta' din il-festa, li din is-sena se taħbat fit-12 ta' April, qed jiġu organizzati diversi attivitajiet kulturali u esibizzjonijiet ta' snajja u artiġġjanat. Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti.

16.3.7 Il-Membri preżenti approvaw il-proposta b'mod unanimu.

**- European Network of Holy Week and Easter Celebrations**

16.3.8 Il-President semma' kif fil-jiem li għaddew, il-maniġer tal-kultura kellha laqgħa b'mod virtwali ma' rappreżentanti minn din in-network li hi rotta kulturali ta' destinazzjonijiet fl-Ewropa li huma popolari mat-turisti għall-mod kif jiċċelebraw il-Ġimgħa Mqaddsa u l-Għid il-Kbir. F'din in-ntewrk hemm imsieħba 18-il belt li jinsabu f'ħames pajjiżi Ewropej. Il-President qal li l-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar jista' japplika sabiex jissieħeb f'din in-network bħala reġjun u għalhekk, fl-applikazzjoni jkun hemm imsieħba l-lokalitajiet kollha fir-Reġjun tan-Nofsinhar. Il-ħlas tas-sħubija hu ta' 5,000 ewro fis-sena. Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti.

16.3.9 Il-Membri preżenti approvaw il-proposta tal-President b'mod unanimu.

**- Riżenja mis-Segretarju Eżekuttiv**

16.3.10 Il-President qal li rċieva ittra ta' riżenja mis-Segretarju Eżekuttiv. Ir-raġuni mogħtija fl-ittra tgħid li s-Segretarju Eżekuttiv ġie mogħti l-opportunità li jservi f'kariga ġdida fis-servizz pubbliku ma' Ministeru differenti. Il-President, filwaqt li rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv tas-servizz li ta lill-Kunsill Reġjonali, qal li f'dan l-istadju hemm bżonn li tiġi nominata persuna sabiex isservi bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv. Hu nnomina lis-Sa Mariella Strout u talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti.

16.3.11 Il-Membri preżenti approvaw in-nomina ta' Mariella Strout u rringrazzjaw lis-Segretarju Eżekuttiv tas-servizz li ta fis-snin li fihom ilu jservi f'din il-kariga.

16.3.12 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li r-raġuni li għaliha bagħat ir-riżenja kienet għax ingħata opportunità li jservi f'kariga ġdida fis-servizz pubbliku li toffrilu opportunitajiet u kundizzjonijiet aħjar, liema opportunità ma setax jitlef. Hu rringrazzja lill-President u lill-Membri tal-fiduċja u l-kooperazzjoni tagħhom tul is-snin li fihom serva mal-Kunsill Reġjonali.

## 16.4 Financial Statements 2022;

16.4.1 Il-President ippreżenta d-dokument bil-Financial Statements 2022 li ntbagħtu minn qabel lill-Membri u għaldaqstant ġew kunsidrati bħala moqrija. Hu ta spjegazzjoni tagħhom u qal li l-Kunsill Reġjonali jinsab f'qagħda finanzjarja soda u kapaċi jimplimenta l-proġetti li għandu elenkati fil-pjan ta' ħidma għall-ħames snin li ġejjin. Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti qabel ir-rapport finanzjarju jintbagħat lill-awdituri.

16.4.2 Il-Membri preżenti approvaw il-Financial Statements 2022 b'mod unanimu.

## 16.5 Affarijiet Oħra;

**- ACR+**

16.5.1 Il-President qal li l-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar hu msieħeb flimkien mal-Assoċjazzjoni Kunsilli lokali u Kunsilli Reġjonali oħra fl-Association of Cities and Regions for Sustainable Resource Management. Il-prezz tas-sħubija f'din l-assoċjazzjoni hu ta' 2,770 ewro fis-sena li jinqasmu bejn l-AKL u l-Kunsilli Reġjonali. Hu talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti qabel terġa' tiġġedded is-sħubija għal sena oħra.

16.5.2 Il-Membri preżenti approvaw it-tiġdid tas-sħubija b'mod unanimu.

**- Budget 2023;**

16.5.3 Il-President ressaq id-dokument bil-budget 2023 li tħejja wara koordinazzjoni mal-accountant il-ġdid tal-Kunsill Reġjonali u li ntbagħat minn qabel lill-Membri u għaldaqstant ġie kunsidrat bħala moqri. Il-President ta spjega tiegħu u talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti

16.5.4 Il-Membri preżenti approvaw il-Budget 2023.

**- Business Plan 2023-2027;**

16.5.5 Il-President ressaq il-Business Plan 2023-2027 li tħejja wara koordinazzjoni mal-accountant il-ġdid tal-Kunsill Reġjonali u li ntbagħat minn qabel lill-Membri u għaldaqstant ġie kunsidrat bħala moqri. Hu qal li l-business plan jikkumplimenta mal-Pjan ta' Ħidma 2023-2027 u jassigura li l-proġetti u l-inizjattivi elenkati fil-pjan ta' ħidma għall-ħames snin li ġejjin li ġie preżentat fil-laqgħa preċedenti jistgħu jiġu implimentati mingħajr ma joħolqu diffikultajiet finanzjarji lill-Kunsill Reġjonali. Minkejja dan, il-President wera tħassib għall-fatt li l-għajnuna finanzjarja addizzjonali għas-salarji tal-maniġers reġjonali mhux se tkun qed tingħata u din se tikkawża piż żejjed fuq il-Kunsill Reġjonali. Hu talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti għall-Business plan 2023-2027.

16.5.6 il-Membri preżenti approvaw il-Business Plan 2023-2027 b'mod unanimu.

## 16.6 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;

16.6.1 Il-laqgħa ntemmet fis-19.14 u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 09 ta’ Marzu 2023 fil-5.30 pm.

Konfermati llum _____________________.

| | |
|---|---|
| Jesmond Aquilina | Philip Carabott |
| President | Segretarju Eżekuttiv |